**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IS-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 30**
**11 ta' Frar 2015 fl-4:30p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-5:00p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Sinjura Dr. Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur George Zammit | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

Intqgħalet it-Talba

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 29 ma kienux ghadhom lesti u għalhekk ma gewx approvati.

2. **Financial Statements 2014 u Budget 2015**
   Is-Segretarja qasmet il-Budget 2015 lill-kunsilliera kollha prezenti. Il-Financial statements 2014 ma kienux ghadhom konkludi peress li kien hemm xi kredituri li kellhom jibghatu xi statements qabel jinghalaq. Il-kunsilliera prezenti qabli li tergha issir laqgha b'urgenza biex japprovaw il-budget 2015 u l-Financial Statements 2014. Is-Sindku informa lill-kunsill li l-ahjar ikun hemm ukoll l-accountant tal-Kunsill biex tkun tista tispjega fid-dettal. Is-Segretarja ghandha taghmel kuntatt maghha.

XEWKIJA

3. **Affarijiet Oħra**

Is-Sindku nfurma li x-xoghol fuq il-latrina tal-Pjazza San Gwann Battista miexi bl-ghajnuna tal-Ministeru ghal Ghawdex. Hu kompla jghid li l-kunsill ser ihallas biss l-lift l-ammount ta' madwar 26,000 euro skond it-tender u l-kwotazzjoni li kienu gew mghazula fil-kunsill ta' qabel. Is-Sindku nforma lil kunsilliera prezenti jekk jaqblux li jigi ordnat l-lift biex jilhaq jasal. Il-kunsilliera prezenti qablu imbasta l-prezzijiet ikunu l-istess skond kif qeghdin fil-BOQ tat-tender.

Is-Sindku nfurma lil kunsilliera prezenti li minhabba ragunijiet ta' organizzaturi u atturi mhux ser ikun possibli li din is-sena titella l-attivita' l-Fidwa. Hu kompla jghid li l-ghaqda Drammatika li kienet tiehu hsieb ma ghadiex tifforma ghaqda. Is-Sindku nforma ukoll li l-kunsill ircieva ittra minghand l-organizzaturi tas-sena l-ohra rigward dan. Il-Kunsilliera issugerixxew li jinsabu organizzaturi ohra li jistghu jiehdu hsieb din l-attivita'. Is-Sindku nforma li issa dahal iz-zmien sew biex jithol xi hadt ghalija. Hu kompla jghid li jekk il-kunsilliera jafu lil xi hadt li lest li jithol ghal din l-attivita' jaghmlu kuntatt maghhom huma ukoll.

Il-Kunsilliera Jeanelle Attard gibdet l-attenzjoni li fi Triq il-Hamrija hemm periklu peress li jkun hemm karozzi ipparkjati hazin fil-hinijiet ta l-iskola ta' l-arti. Dr. Monica Vella issugerit li tintuza l-entratura minn naha ta' Jean de la Vallette. Il-kunsillier Dumink Zerafa issugerixxa li jsir *parking fish lanes*. Il-Kunsilliera qablu li jigu nfurmati l-pulizija fuq dan. Is-Segretarja ghandha tibghat tinforma lil pulizija.

*Dan il-hin dahal l-kunsillier George Zammit (17:24)*

4. **Korrispondanza: il-korrispondenza giet cirkulata u diskussa**

Mill-korrispondenza

i. Cirkulari AKL Cirk 7/2015 - Group Health Insurance Policy 2015. Il-kunsill qabel li jithallas.
ii. Ittra minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar assikurazzjoni tal-flus tal-kunsill. Il-Kunsill qabel li jithallas.
iii. Ittra minghand l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar performing rights 2015. Il-Kunsill qabel li tithallas ukoll.
iv. Ittra minghand il-Project Manager ta' Mgarr ix-Xini rigward l-WSC Pumping station
v. Ittra minghand il-Project Manager ta' Mgarr ix-Xini rigward il-cost benefit analysis

*Dan il-hin harget il-Vici Sindku, Dr. Monica Vella (17:41)*

5. **Kontijiet**

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

Il-Kunsilliera prezenti qablu li jithallas ukoll il-Kont tal-culvert fi Triq San Bert li kien gie diskuss u maqbul fil-laqghat ta' qabel bl-ammount ta' 25,000euro.

6. **Ilmenti u Suggerimenti**

i. Ilment minghand resident fi Triq San Bert rigward kumpess ghal ksur ta' windscreen bi zrara fi Triq San Bert. Il-Kunsill ser jiehu parrir legali minghand l-avukata tal-kunsill peress li dawn ix-xogholijiet mhux qed issiru minn naha tal-Kunsill.

ii. Suggeriment minghand resident biex issir tabella jew slow sign fi Triq wara l-Knisja kantuniera ma Triq San Zachery. Il-kunsill qabel ma dan u ser jara x'inhu l-ahjar li jsir.

iii. Ittra minghand residenta rigward traffic congestion fi Triq l-Gharus waqt il-hin tal-muzew u l-periklu ghat-tfal. Is-Sidku gibet l-attenzjoni li peress li dan huwa responsibilita' tal-muzew hu tkellem maghhom u issugerilhom li jinghalaq entratura wahda rigward biex ma jkunx hemm periklu ghat-tfal.

iv. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard infurmat lil kunsill li irciviet ittra minghand l-Perit Justin Zarb rigward id-disinn tal-embellishment tal-Pjazza San Gwann Battista. Is-Sindku nfurma lil kunsilliera prezenti li s-sejha kienet tghid li ser jinghata premju lil min jigi mghazul bhala l-ahjar disinn. Hu kompla jghid li hadt ma kien gie mghazul peress li kien hemm persuna wahda biss u l-kunsill xtaq li jkun hemm ghazla akbar ghal dan il-progett. Is-Sindku nfurma li l-kunsill ma kienx jaf li l-gvern ser jaghmel dan il-progett meta l-kunsill hareg is-sejha. Issa li dan il-progett gie imhabbar fil-budget tal-gvern il-kunsill mhux ser johrog is-sejha.

7. **Tmiem il-Laqgħa**

Il-Laqgħa spiccat fis-6:30p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

XEWKIJA